MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 17

2 ta' Marzu 2009

Minuti tas-Seduta Nru. 17 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 2 ta' Marzu 2009.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Viċi Sindku Emvin Bartolo li talab jiġi skużat minħabba inpenn ieħor.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni għall-minuta 12.1. ta' l-ewwel parti tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara kif jidher hawn taħt:

*"12.1. Il-Kunsillier J. Azzopardi għarraf li Dr Stanley Zammit temm il-kariga bħala Chairman tat-Bord tat-Tmexxija dwar il-Park tal-Majjistral u minfloku nħatar Is-Sur Ian Castaldi Paris. Is-Sindku R. Cutajar qal li fiduċjuż illi l-pressjoni li qed issir ser tħalli l-frott bil-għan li l-Kunsill Lokali ikun rappreżentat fuq il-Bord ta' Tmexxija. ".*

1.2. Il-minuti ta' l-ewwel u t-tieni parti tas-seduta Nru. 16 li saru fil-11 u l-24 ta' Frar 2009 ġew approvati u ffirmati bl-emenda t'hawn fuq.

## 2.0. Korrispondenza

### 2.1.1. Ħarġa ta' Frar 2009 tal-magazin "Mill-Qiegħa (P/3/2/Vol IV)

2.1.2. Inqrat ittra datata 10 ta' Frar 2009, fejn l-Għaqda Mużikali Imperial lmentat li r-ritratt li deher fil-magazin "Mill-Qiegħa", ma kienx jirrifletti biżżejjed is-sehem ta' l-għaqda fil-Milied Mellieħi 2009.

2.1.3. Is-Sindku R. Cutajar qal li huwa ltaqa' dwar din il-materja mal-President u d-Direttur ta' l-Għaqda, is-Sinjuri Joseph Bartolo u John Schembri, rispettivament. Ġie spjegat lilhom li r-ritratt li deher fil-ħarġa msemmija kien jirrifletti biżżejjed is-sehem ta' l-għaqda billi kien l-uniku wieħed fost dawk ta' l-għaqdiet parteċipi f'Milied Mellieħi, fejn l-istemma ta' l-istess għaqda kienet tidher b'mod ċar ħafna.

2.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Studju dwar it-tendenzi tar-riħ (P/5/8/A)

2.2.2. Saret referenza għal ittra mibgħuta mill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, fejn qed jiġi propost sabiex jittellgħa arblu 80 metru għoli fil-Ponta ta' l-Aħrax, bil-għan li jkun jista' jsir studju fuq il-qawwa tar-riħ in konnessjoni mal-kostruzzjoni ta' Wind Farm fuq is-Sikka l-Bajda. Huwa maħsub li dan ikun għal żmien temporanju ta' sentejn biss..

2.2.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din il-proposta.

### 2.3.1. Siti skedati bħala Natura 2000 (A/4/5/Vol II)

2.3.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 18 ta' Frar 2009, mibgħuta mill-MEPA, fejn intalab permess sabiex isir użu mill-istemma tal-Kunsill fuq tabelli li ser jitwaħħlu qrib siti dikjrati bħala Natura 2000 fl-inħawi ta' l-Għadira, l-Imġiebaħ, Tal-Miġnuna, Ix-Xagħra tal-Kortin, il-Wied tal-Miżieb u fl-irdumijiet ta' mal-kosta.

2.3.3. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi nkluża l-istemma tal-Kunsill fuq it-tabelli proposti.

### 2.4.1. Attivita` sportiva flimkien mal-Mellieħa Football Nursery (S/6/Vol III)

2.4.2. Inqrat ittra datata 19 ta' Frar 2009, mibgħuta mill-Mellieħa Football Nursery, dwar *penalty shoot-out* li hija ppjanata għal nhar is-Sibt 18 ta' April 2009 fis-7.00pm. Il-Kumitat tan-*Nursery* talab sabiex jiltaqa' mal-Kunsill bil-għan li l-Kunsill jappoġġja din l-attivita` billi jissieħeb fl-organizzazzjoni tagħha.

2.4.3. Kien hemm qbil li l-laqgħa għandha ssir fis-6 ta' Marzu 2009 fis-7.00pm.

### 2.5.1. Fond għat-Tfassil ta' Strateġija ta' Żvilupp Sostenibbli (C/3/2/Vol II)

2.5.2. Saret referenza għal Memo 11/2009 datat 19 ta' Frar 2009 dwar it-tnedija ta' inizjattiva li tinvolvi l-allokazzjoni ta' €50,000 mill-Gvern Ċentrali bil-għan jiġu ffinanzjati żewġ proġetti pilota għat-tfassil ta' strateġija ta' żvilupp sostenibbli fuq livell lokali. Permezz ta' din l-iskema, li għaliha kull Kunsill jista' japplika skont il-kriterji stabbiliti. Iż-żewġ proġetti magħżula ser iservu bħala proġett pilota li fuqu jiġu mfassal pjan ta' ħidma għall-lokalitajiet kollha għat-tliet snin li ġejjin.

2.5.3. Ġie spjegat li l-kunċett dwar proġetti għal lokalitajiet sostenibbli hu bbażat fuq l-integrazzjoni ta' l-aspetti soċjali, ekonomiċi, ambjentali u kulturali fil-lokalità. L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu sal-Ġimgħa, 27 ta' Marzu 2009.

2.5.4. Is-Sindku talab kopja tal-memo sabiex jindaga aktar fuq is-suġġett.

### 2.6.1. Premju EDEN (T/12/Vol II)

2.6.2. Saret referenza għal Memo 10/2009 tad-19 ta' Frar 2009 dwar il-proġett *European Destination of Excellence* li huwa mmirat sabiex jinkiseb l-għarfien u r-rikonoxximent għall-karetteristiċi tad-diversità u dawk komuni tad-destinazzjonijiet turistiċi Ewropej. Il-proġett għandu wkoll l-għan li jippromwovi d-destinazzjonijiet li huma fuq quddiemnett fl-iżvilupp ekonomiku sabiex jassigura l-iżvilupp sostenibbli turistiku permezz ta' inizzjattivi soċjali, kulturali u ambjentali. Il-premju hu trofew u r-rikonoximent jissejjaħ *European Destination of Excellence 2009* – Premju EDEN 2009. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li applikazzjoni simili kienet saret fl-2008 a bażi ta' Festa Biedja u l-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ.

2.6.3. Is-Sindku ħa l-inkarigu biex jara taħt liema aspetti tal-ħidma tal-Kunsill tkun tista' tiġi sottomessa applikazzjoni.

## 3.0. Tqegħid ta` Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 06/02/09 - 25/02/09
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 29/01/09 – 11/02/09
- *Purchase Request Form* – 25/02/09
- Skeda ta` ilmenti - 0080/09 - 0092/09
- Skeda ta` korrispondenza li waslet
- Skeda ta` korrispondenza li ntbagħtet
- Abbozz tal-ftehim dwar it-Tmexxija tax-Xelters kif rivedut mill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina
- Abbozz ta' l-Estimi Finanzjarji 2009 - 2010

## 4.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 4.1.1. Rappreżentanza fuq il-Bord tal-Park Majjistral (A/4/10)

4.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 12.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-Kumitat dwar il-Park tal-Majjistral, kif ġie rikostitwit, ser jiltaqa' għall-ewwel darba fl-4 ta' Marzu 2009. Is-Sur R. Cutajar irrefera għat-talba mressqa mill-Avukat Rudolph Ragonesi f'isem il-Heritage Parks Foundation, sabiex jitqiegħed l-apparat tas-CCTV fil-kamra li hemm taħt Ġnien iż-Żerniq. Huwa qal li din id-deċiżjoni ma jidhirx li ġiet approvata mill-Kumitat tal-Park tal-Majjistral. Intqal ukoll li qed tintalab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex jiġi mpjegat persuna bħala *ranger*.

4.1.3. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li ġew vandalizzati t-tabelli kollha li twaħħlu fejn kull triq li twassal għall-park.

4.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.2.1. Devoluzzjoni tat-Torri l-Abjad (A/6/7/Vol II)

4.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li s-Segretarjat Parlamentari għall-Artijiet u Erarji Pubbliċi għadda ċ-ċwievet tat-Torri l-Abjad lil Historical Military and Maritime Society sabiex tkun tista' tevalwa l-ispiża meħtieġa għar-restawr tal-bini.

4.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.3.1. Serata ta' Jum il-Kunsill (A/5/3/1/Vol X)

4.3.2. Is-Sindku R. Cutajar irrefera għall-minuta 7.1. tas-seduta preċedenti dwar is-serata tas-27 ta' Frar 2009. Huwa aċċenna għal *e-mail* datat l-1 ta' Marzu 2009, mibgħut mis-Sur Victor Vella, Mellieħi, emigrat fi New South Wales fl-Awstralja, li ngħata l-Onorefiċenza Ġieħ il-Mellieħa waqt l-istess serata. Is-Sur Vella esprima l-ferħ u l-apprezzament tiegħu għall-unur mogħti lilu bħala rikonoxximent għall-ħidma tiegħu biex jipromwovi l-kultura Maltija fl-Awstralja. Huwa qal ukoll li ser jikteb artiklu sabiex jiġi ppubblikat fil-magazin tal-Kunsill.

4.3.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li s-serata marret tajjeb ħafna, ħlief għall-problemi li nqalgħu fis-sistema ta' l-*audio*, partikularment waqt il-qari tal-*curriculum vitae* tal-persuni onorati.

4.3.4. Il-Kunsill osserva wkoll li s-Sala tal-Komunità kienet mimlija kollha, kemm fis-serata tas-27 ta' Frar, kif ukoll għar-ripetizzjoni tal-*musical "El Mellaha"* li saret nhar il-Ħadd l-1 ta' Marzu 2009.

4.3.5. Is-Sindku aċċenna wkoll għall-attività li seħħet f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa nhar il-Ħadd l-1 ta' Marzu 2009, fejn kien hemm ċerimonja ta' tħawwil ta' siġar fl-ewwel anniversarju mill-ftuħ ta' l-istess dar, li nżerta ħabat qrib Jum il-Kunsill. Kif kien miftiehem fis-seduta preċedenti, tqassmu rigali li kienu jikkonsistu fi frott lill-anzjani residenti fid-dar.

### 4.4.1. Skema ta' inċentivi lill-awturi mil-lokalità (P/3/3)

4.4.2. Saret referenza għall-minuta 4.2.1. tat-tieni parti tas-seduta preċedenti u nġibdet l-attenzjoni li jeħtieġ jiġi stabblit il-prezz tal-ktieb "Il-Mellieħa – Dati Storiċi".

4.4.3. Billi fis-serata ta' Jum il-Kunsill 2009 il-ktieb imsemmi kien qed jintalab flimkien mas-CD tal-*muscial* "El Mellaha" kien hemm qbil li dawn flimkien għandhom jinbiegħu bil-prezz ta' €15. Kien hemm qbil ukoll li l-prezz tas-CD waħdu għandu jkun €10 u €12 għall-ktieb waħdu. Kien hemm qbil ukoll li dawn il-prezzijiet għandhom jitħabbru permezz tal-gazzetta "Il-Mellieħa", il-magazin "Mill-Qiegħa" u s-sit elettroniku tal-Kunsill.

### 4.5.1. Jum favur il-Konservazzjoni ta' l-Ambjent (T/6/1/Vol II)

4.5.2. Is-Sindku irrefera għall-minuta 9.1. tat-tieni parti tas-seduta preċedenti fejn kien hemm attendenza sodisfaċenti mill-membri ta' l-għaqda, kif ukoll mill-għaqdiet tal-Mellieħa. Attenda wkoll il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali l-Onor. George Pullicino. Is-Sur R. Cutajar qal li minkejja li ma kienx hemm ġurnalisti għal din l-attività nħarġet stqarrija mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni.

4.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 25 ta' Frar 2009.

5.3. Wara diskussjoni ġie deċiż li għandhom jinħarġu l-*purchase orders* li fadal jinħarġu.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta` Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet imressqa wkoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn is-6 u l-25 ta' Frar 2009.

6.3. Tressqet ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* li tkopri l-perjodu bejn id-29 ta' Jannar u l-11 ta' Frar 2009.

6.4. Il-Kunsill ra l-kontenut taż-żewġ skedi u approva l-pagamenti elenkati fihom.

## 7.1. Tiġdid tal-ftehim dwar it-tmexxija tax-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija (A/6/7/Vol II)

7.2. Is-Segretarju għarraf lill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina għaddiet lura t-test tal-ftehim imsemmi hawn fuq, kif ġie approvat mill-Kunsill fis-seduta Nru. 9 tas-16 ta' Settembru 2008. L-emendi mressqa mill-għaqda ġew mgħoddija lill-membri kollha tal-kunsill qabel is-seduta. Għal din il-parti tas-seduta attenda is-Sur Joseph Debono – President ta' l-GħKOMB. Il-punti li kellhom xi jressqu l-Għaqda ġew spjegati mas-Segretarju Eżekuttiv qabel is-seduta.

7.3. Ġie spjegat li fuq proposta mill-Għaqda kien hemm qbil li fil-bidu tal-kuntratt għandhom jingħataw definizzjonijiet tal-kliem użat fit-test li jinqara kif ġej:

> *"Interpretation*
>
> *In these Conditions, unless the text indicates otherwise:*
>
> *'Agreement' means these Conditions of Agreement for the Management of the Property;*
>
> *'Council' or 'Local Council' means the Mellieha Local Council;*
>
> *'Manager' means the Ghaqda Korali u Orkestrali 'Maria Bambina' VO 144;*
>
> *'The property' means the property consisting of the underground World War II Shelters excavated under Misrah il-Parrocca and Triq il-Kappillan Magri, Mellieha which are indicated in the attached plan marked as Annex 2;*
>
> *'Supervisory Committee' means the supervisory committee appointed in terms of this agreement."*

7.4. Kien hemm qbil ukoll fuq l-emendi tal-klawsoli segwenti, biex jinqraw kif jidher hawn taħt:

> *"1.(a) at his expense and subject to the Council's prior written approval, carry out the specialised works, additions and improvements needed on the property, in accordance with clause 4 of this agreement and in terms of Clause 6 of the Lease Agreement, so as to render the property accessible to the general public;"*
>
> *"2.(i) The Manager shall retain any and all proceeds which it may derive in the ordinary course of the management of the property.".*
>
> *"4.(iv) All works on the site shall be carried out using appropriate materials and works which are to be executed on the property shall be carried out with good quality supplies and high level of workmanship. The Council shall be entitled to supervise and/or inspect the works at all reasonable times, but may not withhold such works without a valid reason;".*
>
> *"5.(ii) The Supervisory Committee shall be composed of a Chairman, appointed by the Local Council and two members appointed by the Manager.".*

*"6.(a) Group Visits*

*The parties agree that group visits organised through the Council shall be booked through the Supervisory Committee at least two weeks in advance. Prior to confirmation of the booking an agreed 'group entrance fee' shall be determined. The Manager shall not refuse any such booking unless the Manager would have entered a previous commitment for a group visit for the proposed date;".*

*"6.(b) Extraordinary Visits*

*The parties agree that group visits organised by the Council shall be booked through the Supervisory Committee at least two weeks in advance and the Manager shall not refuse any such booking unless the Manager would have entered a previous commitment for a group visit for the proposed date;"*

*"13.(ii). The Manager shall obtain comprehensive policies of property insurance in respect of all damage which may occur to the property.".*

Il-Kunsill kien tal-fehma li l-Klawsoli 14(ii) u (iii) dwar id-dritt ta' aċċess fix-xelter, għandhom jiżammu minkejja li l-GħKOMB talbet li din titneħħa għal kollox. L-għaqda wriet li ser tieħu parir legali

Kien hemm qbil li l-Klawsoli 16 (i) u (ii) għandhom jitneħħew u jinbidlu mat-text segwenti:

*"16. Charges for the installation of utilities where required by the Manager shall be made at the expense of the Manager. All rental fees of water and electricity meters, all water, electricity and telephone bills including bills for the use of any other utility and any other charges in connection with such services shall be paid by the Manager.".*

*"21.(i) Upon termination or dissolution of the agreement and saving any wear and tear of the site, the Manager shall return the property in a good state of repair to the Council; "*

*(ii) The Manager shall have the right over any movable fixed assets present on the site on date of termination subject to clause 5.(v) of this agreement.";*

Dwar il-Klawsola 21.(v), l-GħKOMB talbet li tieħu parir dwarha.

7.5. Kien hemm qbil li t-test kif emendat għandu jiġi mgħoddi lura lill-kunsulent legali tal-Kunsill wara li l-GħKOMB twieġeb dwar il-Klawsoli 14.(ii), (iii) u 21.(v).

## 8.1. Estimi Finanzjarji tal-Kunsill 2009 – 2010 (F/1/20)

8.2. Segretarju ssottometta l-estimi tad-dħul u l-infieq imbassar sa l-aħħar tas-sena finanzjarja 2008/2009. Qal li meta jitqies id-dħul kurrenti kontra n-nefqa stmata sa l-aħħar ta' Marzu 2009, mistenni jibqa' bilanċ ta' madwar € 255,000. Id-dħul totali ser ilaħħaq għal iktar minn €1,102,000, filwaqt li n-nefqa totali sa' l-aħhar ta' Marzu 2007 hija stmata li tlaħħaq €847,000. Iċ-ċifra li għandu mfaddla l-Kunsill mis-snin ta' qabel tammonta għal € 619,500. B'hekk huwa stmat li s-sena finanzjarja li ġejja tibda b'bilanċ pożittiv ta' €874,500.

8.3. Intqal ukoll li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għadu ma ħabbarx kemm ser tkun l-Allokazzjoni Annwali għas-sena 2009/2010 u għalhekk l-estimi tad-dħul ġew ibbażati fuq is-somma allokata għas-sena kurrenti – € 829,829. Flimkien mad-dħul mill-Gvern, ser ikun hemm introjtu mill-imgħaxijiet fuq il-kontijiet bankarji, permezz tal-*bye-laws,* partikularment Avventura Sajf għat-tfal, li tista' tiġi organizzata fis-sajf. Ammont sostanzjali ser ikun ġej minn permessi temporanji li jinħarġu bis-saħħa ta' l-Avviż Legali 119/2002. Ġie spjegat li l-ammont illi jidher fejn il-kont (0036) huma flus dovuti lill-Kunsill mingħand il-Kumitat Konġunt Tramuntana. Id-dħul totali tal-Kunsill mistenni li jlaħħaq € 884,270. Fuq proposta tal-Kunsillier C. Bartolo, kien hemm qbil li d-dħul mill-imgħaxijiet fuq kontijiet bankarji għandu jonqos għall-€15,000 peress li r-rati ta' l-interess riċentement tnaqqsu mill-banek.

8.4. Il-vot tal-Pagi (1200) ikopri tliet impjegati u lis-Sindku, filwaqt li s-servizz klerikali supplimentari jingħata b'kuntratt u għalhekk jinqata' mill-vot (3067) tal-*Clerical Support Services*. Ġie mfakkar li tħaddim ta' persuni b'dan il-metodu x'aktarx li mhux ser jibqa' permess mill-liġi. Intqal li l-onorarja tas-Sindku, il-pagi tas-Segretarju Eżekuttiv, l-Assistant Prinċipali (Skala 11) u l-Uffiċjal Klerikali (Skala 15) huma bbażati fuq l-iskali ppubblikati mid-Dipartiment tat-Tezor u għalhekk jinkludu ż-żidiet għall-għoli tal-ħajja. Il-vot tas-Sahra

(1700) nżamm baxx minħabba li ser jinkisbu servizzi klerikali msemmija aktar 'il fuq. Il-Kunsill approva in-nefqa totali ta' € 66,607 fuq is-Salarji.

8.5. Ġew approvati l-estimi li jirrigwardaw l-ispejjeż marbuta mal-konsum ta' l-elettriku, ilma u telefon, l-*wide area connectivity*, u s-servizzi ta' sigurta' fl-uffiċċju. Il-konsum ta' l-elettriku u l-ilma ġie bbażat fuq tas-sena ta' qabel. L-ispejjeż ta' l-elettriku jirriżultaw mill-arloġġi ta' l-elettriku fil-Belveder tas-Sur, il-Batterija ta' Westreme, il-Ġnien tal-Pellegrini, Ġnien l-Għoljiet, Ġnien tas-Salib, Ġnien il-Kenn Soċjali, Ġnien iż-Żerniq u Ġnien Dun Anton Debono. Ittieħed in konsiderazzjoni li żdied Ġnejnet l-Emigranti Melleħin u l-Park tal-Familja f'Ta' l-Ibraġ. Ġew approvati wkoll spejjeż konnessi ma' Xiri ta' Materjal u Fornimenti (2200), Sħubija f'Orġanizzazzjonijiet (2500), Servizzi biex jiffunzjona l-Uffiċċju (2600); Trasport (2700); it-Taħriġ (3200) u Spejjeż Inċidentali (3400). Ġie spjegat li taħt Spejjeż Inċidentali jidħlu wkoll Spejjeż Amministrattivi li minnhom jitħallsu ċerti drittijiet bħal dawk li jintalbu mill-MEPA meta jsiru applikazzjonijiet ġodda eċċ.

8.6. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni għall-vot 2311 dwar il-Manutenzjoni tat-Toroq u qal li dan tnaqqas fuq is-sena preċedenti billi l-bankini ta' Triq il-Kbira mhux ser jintmessu meta jsir ir-resurfacing ta' Triq il-Kbira.

8.7. Ġie propost li l-vot tat-tabelli (2313) jonqos għal € 8,000, filwaqt li dak tal-Marki tal-Karreġġjata (2314), jonqos ukoll għal €10,000. Is-Segretarju spjega li dawn il-voti ġew iffissati wara li ġiet evalwata n-nefqa fuq dawn l-oqsma fl-aħħar snin. Fir-rigward tal-*Bus Shelters* (2316), is-Segretarju spjega li dan il-vot tħalla relattivament baxx minħabba l-ftehim illi ntlaħaq mad-ditta Faces Consultants Ltd li permezz tiegħu l-istess ditta tpoġġihom fuq il-post u tipprovdi l-manutenzjoni tagħhom. Effettivament, il-Kunsill jagħmel biss manutenzjoni fuq ħames *bus shelters* biss. Il-Kunsill qabel li jżid il-vot dwar it-tiswija ta' *litter bins* għal € 1,500.

8.8. Il-Kunsill approva l-vot propost tat-Tiswija u Manutenzjoni (2300), li jammonta għal €118,350.

8.9. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-vot tal-Kirjiet (2400) għandu jiżdied għall-€1,520 peress li huwa maħsub li l-kirja b'ramla mad-devoluzzjoni tat-Torri l-Abjad tista' tammonta €700.

8.10. Il-vot dwar il-parteċipazzjonijiet f'Konferenzi Internazzjonali (2540) ġie miżjud għal € 1,000

8.11. Il-voti ta' l-*Overseas Tickets* (2810); *Overseas Subsistance & Accomodation* (2820) u *Overseas Hospitality* (2830) tħallew fuq il-livell tas-sena preċedenti bi l-għan li jkun hemm kuntatti permezz ta' żjarat qosra ħalli l-ġemellaġġ mal-lokalitajiet ta' Adenau u Cavriglia jinżammu ħajjin.

8.12. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-vot 2930 jrid jagħmel tajjeb għall-pubblikazzjoni ta' paġna fix-xahar fil-gazzetta "Il-Mellieħa". Il-vot tan-*newsletter* (2970) żdied għal €9,000 minħabba li ġie introdott is-suppliment għat-tfal mal-magazin "Mill-Qiegħa". Kien hemm qbil li n-nefqa fuq il-Ħannieqa Kulturali (2960) m'għandiex taqbeż €5,000. Il-Kunsill approva n-nefqa ta' € 14,750 fuq is-Servizzi Informattivi (2900).

8.13. Is-Segretarju rrefera għall-manutenzjoni tal-Lampi tat-Toroq (3010) u qal li a bażi tan-nefqa stmata matul is-sena kurrenti, il-vot relattiv tħalla fil-livell ta' € 10,000.

8.14. Dwar il-vot Nru. 3044 – *Open Skips / Bring In Site* – il-Kunsill kien tal-fehma li dan għandu jitħalla fil-livell tas-sena preċedenti peress li l-seba' *bring in sites* ġodda li ġew introdotti fil-lokalita' qed tkoprihom il-WasteServ.

8.15. Taħt is-sezzjoni tas-Servizzi Kuntrattwali, saret referenza għall-vot tat-Toroq Urbani (3051) u dak tat-Tindif tat-Toroq Rurali (3052), fejn il-voti relattivi żdiedu mqabbla ma' l-ammonti tas-sena ta' qabel billi l-kuntratti rispettivi ser jiskadu matul it-terminu ta' dawn l-estimi. Is-Segretarju qal li l-vot tal-Latrini Pubbliċi (3053) għandu jiżdied għal €27,500 a bażi tan-nefqa għas-sena kurrenti. Fir-rigward tas-Servizz tat-Tindif ta' l-Uffiċċju (3055), il-Kunsill kien tal-fehma li dan il-vot għandu jiżdied għall-€2,500 minħabba l-esiġenza u d-daqs tal-post.

8.16. Il-vot dwar il-Ġonna Pubblici (3061) tnaqqas €21,100 sabiex jirrifletti l-infieq li kien hemm f' dan ir-rigward matul is-sena finanzjarja kurrenti.

8.17. Fir-rigward tat-tindif tax-xtut (3063), ġie spjegat li l-vot tnaqqas bi ftit għal €14,300 għab-bażi tan-nefqa tas-sena kurrenti. L-istess vot irid ikopri l-kuntratt dwar il-ġarr ta' l-alka, il-ġbir ta' l-iskart permezz ta' l-iscammel, iż-żebgħa ta' *railings* fl-Għadira u tiswijiet oħra.

8.18. Wara li ngħatat spjegazzjoni tal-voti kollha li jaqgħu taħt is-Servizzi Kuntrattwali (3000), il-Kunsill approva t-tibdil kollu li ġie propost, li jammonta għal nefqa ta' € 234,170.

8.19. Ġie spjegat li f'dak li huwa Taħrig, qed jittieħed in konsiderazzjoni li l-Kunsill jista' jiddeċiedi li jkompli jorganizza Avventura Sajf. Is-Segretarju ppropona li dan il-vot għandu jiżdied sostanzjalment sabiex jinġieb qrib l-ispiża attwali għas-sena kurrenti. Is-Sindku rrimarka li hemm l-intenzjoni min-naħa tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni li jkun hemm *summer camp* wieħed u mhux tnejn, kif kien qed isir fl-aħħar snin. Minkejja dan, id-dettalji kienu għadhom m' humiex magħrufa.

8.20. Kien hemm qbil li l-vot dwar l-Ispejjeż tal-Konferenzi (3320) għandu jiżdiet għal €1,500. Fil-vot ta' l-Attivitajiet Kulturali ttieħed in konsiderazzjoni l-ftehim li jista' jiġi mġedded ma' għaqdiet mużikali dwar servizzi li huma jagħtu fil-lokalita' matul is-sena.

8.21. Ġie spjegat li l-vot ta' l-Attivitajiet Kulturali (3370) jkopri l-avvenimenti ġodda li jidher illi ser jidħlu fil-kalendarju tal-Kunsill, bħalma huma L-Ijieli Melleħin, Milied Mellieħi, Mellieħa Gardens By Night u oħrajn. Dan irid jagħmel tajjeb ukoll għal attivitajiet li jiġu organizzati flimkien ma' l-għaqdiet volontarji tal-lokalita` skond ftehim ta' koperazzjoni.

8.22. Taħt il-vot tas-Servizzi Komunitarji (3380) tnaqqas b'mod sostanzjali fuq tas-sena kurrenti billi kellu jagħmel tajjeb għall-installazzjoni tas-sistema ta' ventilazzjoni fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa. Wara ż-żieda li kien hemm fl-estimi preċedenti biex tagħmel tajjeb għaż-żieda fil-ħinijiet tal-ftuħ tal-librerija pubblika (3391), kien hemm qbil li din tinżamm fuq l-istess livell tas-sena kurrenti.

8.23. Ġie propost li l-vot 3600 – *Local Enforcement Service* – jinżamm fil-livell ta' € 1,000. Dan huwa ntiż biex jagħmel tajjeb għal spejjeż li jistgħu jintalbu mill-Kumitat Konġunt Tramuntana, f'eventwalità li l-Mellieħa tirreġistra telf mis-sistema, kif ġie li kien il-każ fi snin preċedenti.

8.24. Il-Kunsill approva l-vot tal-*Community and Hospitality* (3700) li jammonta għal €63,050. Għalkemm din hija nefqa sostanzjali, mhux qed jittieħed in konsiderazzjoni li kif sar fis-sena kurrenti jinġieb *sponsorship* jew sostenn finanzjarju minn skemi li waqqaf il-Gvern Ċentrali.

8.25. Il-Kunsill ġie nfurmat li fuq struzzjonijiet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali nħoloq vot ġdid dwar il-Ġemellaġġ (3800), li għaliħ ġiet ivvutat total ta' €4,150. Id-Dipartiment iffissa massimu ta' 0.5% ta' l-Allokazzjoni Finanzjarju jew €3,500, liema tkun l-ikbar.

8.26. Is-Segretarju spjega li l-vot tat-Titjib fin-Nefqa Kapitali (7200), jinkludi fiħ vot ta' €12,000 li jrid jagħmel tajjeb għall-installazzjoni ta' pannelli fotovoltaiċi f'uffiċċju tal-Kunsill permess ta' l-Iskema ta' l-Energy Saving imnedija mill-Gvern Ċentrali. Jinkludi fiħ ukoll il-lampi ġodda (7220) b'vot ta' €90,000, f'dawk it-toroq li saru mill-ġdid fiż-żona ta' Santa Marija Estate. L-istess vot ser ikopri it-twaħħil ta' tabelli tat-traffiku ġodda u puġġaman fi Triq il-Mitħna l-Ġdida. Għalhekk il-vot (7230) jammonta €9,600. €1,150 ġew approvati għax-xiri ta' *litter bins* ġodda (7245).

8.27. Il-vot (7300) ġie approvat fil-livell ta' €2,400 sabiex jagħmel tajjeb għall-apparat marbut max-xogħol ta' l-uffiċċju.

8.28. Dwar il-programm tar-*resurfacing* ta' toroq (7502), il-Kunsill ġie mgħarraf li parti minn nefqa proposta trid tagħmel tajjeb għat-tħaffir tat-trinek sabiex jinbidlu l-*mains* ta' l-ilma, fi Triq il-Kbira, bejn Triq Għajn Żejtuna u Triq in-Naħal. Skond l-istima mogħtija mill-Korporazzjoni ta' l-Ilma, l-ispejjeż fuq il-bdil tal-*mains* f'din il-fażi tal-proġett tammonta għal € 17,370. L-ammont ikkwotat f'din l-istima mistenni li jonqos peress li kien hemm tibdil fix-xogħol involut. Il-Kunsill ivvota €300,000 għad dan il-għan.

8.29. Is-Segretarju fakkar li kien inħareġ il-permess sabiex issir ġiebja għall-ilma tax-xita fil-Ġnien tas-Salib (7506) u għalhekk ippropona li tiġi ivvutata s-somma ta' €12,000. Il-Kunsill kien tal-fehma li din għandha titnaqqas għal €7,000.

8.30. Is-Sindku ppropona li jsir l-*floodlighting* tal-Belvedere tas-Sur u l-Bini tas-Santwarju sabiex jidhru minn Triq il-Marfa u miż-żona tal-Mellieħa Heights. Għal dan il-proġett inħoloq vot (7504) li jammonta €18,000.

8.31. Għall-ewwel u t-tieni fażi tal-Proġett dwar il-*Playing Field* fil-wesgħa li hemm bejn Triq l-Għasel, Triq il-Miġbħa u Triq ix-Xehda (7508), ġie propost li titwarrab is-somma ta' €230,000. Għall-Park tal-Familja f'Ta' l-Ibraġ (7509) kien propost vot ta' € 230,000, filwaqt li għat-Tisbiħ ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawl II ġie ssuġġerit vot ta' €60,000.

8.32. Għalkemm sa meta tfasslu l-estimi il-Kunsill kien għadu ma ddeċidiex fuq liema Titjib ta' Faċilitajiet Sportivi (7515) għandu jsir, xorta waħda kien propost li titwarrab is-somma ta' €35,000 għal dan il-għan. Għat-tisbiħ tas-*soft area* fi Triq Qasam / Triq il-Mitħna l-Ġdida (7516) kien propost vot ta'  €80,000.

8.33. Il-Kunsill approva l-voti kapitali kollha b'nefqa stmata li tlaħħaq € 1,106,650.

8.34. Is-Segretarju fakkar li qabel jiġu approvati l-Baġit 2009 / 2010 u l-Pjan ta' Ħidma 2009 – 2013 għandha ssir il-Laqgħa Annwali tal-Lokalita`. Il-Kunsill ma ffissax data.

## 9.1. Estensjoni tar-Ramla Bay Hotel (A/6/3/2/Vol V)

9.2. Is-Sindku R. Cutajar għarraf li fid-19 ta' Frar 2009, il-Bord tal-MEPA kkunsidra fil-pubbliku applikazzjoni dwar l-estensjoni tar-Ramla Bay Hotel – PA 464/08. Fl-istess laqgħa huwa għamel intervent, fejn saħaq li faċilitajiet kemm fuq ġewwa, kif ukoll fuq barra għandhom jirriflettu n-numru ta' kmamar u l-faċilitajiet li ser ikollha l-lukanda. Id-diskussjoni kellha tiġi differita għall-5 ta' Marzu 2009, peress li kien hemm rapport dwar l-impatt ambjentali li kien għadu ma ġiex sottomess.

9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 10.1. Żona ta' transizzjoni bejn Tas-Sellum u Santa Marija Estate (S/2/Vol V)

10.2. Is-Sur R. Cutajar informa lill-Kunsill li fid-19 ta' Frar 2009, il-Bord tal-MEPA kkunsidra fil-pubbliku t-talba PC 00041/07 dwar bdil fl-iskema tal-bini li jiġi biswit il-periferija maż-żona Tas-Sellum. Din tinvolvi bini ta' vilel fiż-żona ta' Santa Marija Estate b'aktar minn sular wieħed, minflok *bungalows* b'sular wieħed. Il-parti affettwata tinsab fin-naħa ta' ġewwa nett bejn Triq is-Sliem, Triq l-Għaqda u Triq l-Hena. Is-Sindku qal li fl-istess laqgħa huwa tenna l-posizzjoni addotata mill-Kunsill, fis-sens li ż-żona ta' transizzjoni minn Tas-Sellum għal Santa Marija Estate għandha tkun f'Tas-Sellum stess sabiex l-għoli tal-bini f'Santa Marija Estate jibqa' l-istess. Huwa għarraf ukoll li fl-istess laqgħa l-Bord tal-MEPA aċċetta li għandha ssir reviżjoni tal-*policies* NWML 4 u NWML 12 fil-Pjan Lokali għall-Majjistral. Is-Sindku qal ukoll li permezz ta' e-mail datat 19 ta' Frar 2009, l-Għaqda Residenti Santa Marija Estate esprimiet is-sodisfazzjon tagħha għall-appoġġ mogħti mill-Kunsill Lokali fuq din il-materja.

10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 11.1. Bumunqar tal-Palm (M/11)

11.2. Is-Sindku għarraf li fl-24 ta' Marzu 2009 il-Plan Health Department fuq insistenta tal-Kunsill sejjaħ laqgħa għal dawk kollha li rreġistraw siġar tal-palm fil-proprjetà tagħhom, bil-għan li jingħataw tagħrif dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu biex ma jiġux attakkati mill-insett imsemmi. Il-laqgħa ġiet indirizzata mid-Direttur ta' l-istess Dipartiment Marica Gatt li min-naħa tagħha rringrazzjat lill-Kunsill Lokali għall-interess li wera fuq din il-materja.

11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 12.1. Qliegħ mill-bejgħ li sar f'Milied Mellieħi 2009 (A/5/3/6)

12.2. Is-Sindku ppropona li l-qliegħ li kien hemm mill-bejgħ li sar mill-għaqdiet f'Milied Mellieħi jiġu ppreżentati lil diversi istituzzjonijiet filantropiċi f'ċerimonja qasira li ssir fl-uffiċċju tal-Kunsill fl-20 ta' Marzu 2009 fis-7.00pm. Is-Sur R. Cutajar fakkar li l-għaqdiet involuti kienu il-Mellieħa Netball Team, il-Mellieħa Sports Club, l-Uffiċċju tal-Partit Nazzjonali Mellieħa, l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti u l-Għaqda Dilettanti tan-Nar.

12.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**13.1. Ko-Finanzjament għall-Kunsilli Lokali b'rabta ma' progetti ta' l-Unjoni Ewropea (P/10/1/Vol III)**

13.2. Il-Kunsillier P. Cutajar għarraf li fl-20 ta' Frar 2009 huwa attenda seminar imtella' mis-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni u l-Informazzjoni dwar skema ta' ko-finanzjament għal dawk il-Kunsilli Lokali li jkunu nvoluti fi proġetti li fil-parti l-kbira tagħhom jkunu iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. Fl-istess seminar ingħataw linji gwida ta' kif għandhom jsiru t-talbiet.

13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**14.1. Tindif volontarju taħt wiċċ il-baħar fiċ-Ċirkewwa (T/6/1/Vol III)**

14.2. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li fl-4 ta' April 2009, il-Professional Diving Schools Association ser torganizza sessjoni ta' tindif f'qiegħ-il baħar. L-assoċjazzjoni talbet l-għajnuna tal-Kunsill biex din l-inizjattiva tirnexxi.

14.3. Il-Kunsill aċċeta li jibgħat *open skip* u possibilment jinġiebu *litter bins* mid-Dipartiment tat-Turiżmu.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-11.00 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 23 ta' Marzu 2009. fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |